MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Numru. 569/2000

Il-Pulizija
(Spettur Maria Stella Cutajar)
vs
Raymond Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Raymond Xuereb, iben Joseph u Anna nee Cassar, imwieled fit-24 ta’ Lulju, 1962 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 484862(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-perjodu tad-9 ta’ Frar, 1998 u qabel din id-data, ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku tal-kwalita mehuda jew ikkunsmata, ikkometta serq ta’ dawl ta’ l-elettriku mill-fond Ciklamina, Triq l-Ghelejjel, Gudja, fl-ammont li ma

jeccedix l-LM1,000 (elf lira) Maltin bhala detentur tal-fond jew il-persuna li ghandha l-fond imsemmi, fejn instabu dawn il-mezzi qarrieqa, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta u liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont;

u aktar talli ghamel hsara volontarja fil-gumni jew makkinarju ta' l-elettriku jew ikkaguna hsara jew telf ta' kurrent elettriku jew ghamel hsara jew kisser xi parti mill-meter ta' l-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gurmni wzati fil-provista ta' l-elettriku liema hsara hija ta' sitt liri Maltin (LM6) ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra milli taghti l-piena stabilita mil-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez ta' l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-Avukat difensur tal-imputat jecepixxi l-preskrizzjoni stante illi l-allegat reat sehh fl-1992, u fl-1993. Rat li l-Prosekuzzjoni ghall-ewwel irribattit din l-eccezzjoni, pero' sussegwentement u precizament waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru 2002, il-Prosekuzzjoni irrimmettiet ruhha ghall-verbal tad-difiza peress illi, dejjem skond l-Ufficjal Prosekutur, mix-xhieda illi ta' Silvio Decelis, Administrative Officer mal-Korporazzjoni EneMalta, jidher car illi l-ksur tal-Ligi sehh fis-sena 1992, u fl-1993. Il-Qorti ikkunsidrat illi effettivament irrizulta mix-xhieda ta' Silvio Decelis illi l-perjodu illi skond il-Korporazzjoni EneMalta fih sar serq ta' kurrent elettriku

ikopri l-perjodu mit-18 ta' Settembru 1992 sas-16 ta' Settembru, 1993.

Illi effettivament l-Prosekuzzjoni ressqet lill-imputat permezz ta' citazzjoni ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Awissu tas-sena 2000, seba' snin wara illi sehh l-allegat reat.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 325 (d), 280, 278, 17, 31, 20 u 688 paragraph (d) tal-Kap. 9 tiddikjara illi din il-kawza hija **preskritta**.

--------------------------------TMIEM--------------------------------